**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**
**Ciro Napolitano**

**Seduta distrett Valletta**

**Illum 5 ta′ Frar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ciro Napolitano** detentur tal-karta tal-identita′ bin-numru 158925(A) illi huwa akkuzat talli nhar it-30 ta′ Settembru, 2017 ghall-habta ta′ 18:00 hrs, bhala persuna responsabbli mill istabbiliment ta′ Storie e Sapori, li jinsab gewwa Misrah Pjazza Kastilja, il-Belt Valletta talli:

1. Gesta attivita kummercjali, fl-imsemmi font minghajr ma kellu l-licenzja mahruga lilu mill-Awtorita` kompetenti;

2. Opera fl-imsemmi stabbiliment tal-ikel, minghajr ma qabel akkwista jew minghajr ma kellu l-licenzja mahruga lilu mill-Awtorita` kompetenti;
3. Naqas milli jhalli jidher f'post prominenti, fil-fond ta' l-imsemmi stabbiliment tieghu, il-licenzja mahruga lilu mill-Awtorita` kompetenti;
4. Halla/pogga mwejjed u siggijiet u ghamara ohra fuq il-bankina ta' xi stabbiliment turistiku, minghajr licenzja ghall-daqshekk mahruga mil-Awtorita` kompetenti;
5. Ghaldaqstant huwa naqas milli jhares il-kundizzjonijiet tal-licenzja tieghu moghtija lilu mill-Awtorita kompetenti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, tiskwalifika jew tikkancella l-imsemmija licenzja u biex ukoll tapplika l-pieni tar-reat li hemm fl-Artikolu 43(1A) tal-Kap 409 kif ukoll li minbarra li taghti l-piena li hemm diga msemmija fis-sub artikolu wiehed, tordna lil imputat biex inehhi l-kwazi reat u li jregga lura kull haga li tkun saret minghajr licenzja jew li thares il-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja fiz-zmien li ghandu jigi stabbilit mill-Qorti, skond l-Artikolu 43(2) tal-Kapitolu 409.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2018 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u d-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi fil-11 ta' Dicembru 2018, il-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat illi d-difiza baqghet ma pprezentatx s-sottomissjoni taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

### Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-

kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Illi qabel xejn il-Qorti taghmel referenza ghal dokument ipprezentat fl-atti (a fol.11) **Certificate for the Registration of Clubs** datat 22 ta' Marzu 2017 fejn juri li l-post kellu registrazzjoni valida bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Dicembru 2017: *This is to certifiy that the above named Club has been registered in accordance with the "Regulations regarding Registration of Clubs" published by Government notice No. 505 of the 4th October, 1939, as amended.* L-isem tal-"*club*" huwa Migrants Social Centre, Dar l-Emigrant, Castille Palace, Valletta VLT 1310 fejn is-Segretarju hu imnizzel bhala Mr. Joseph John Calleja, 10B M.A. Vassalli Street, Valletta VLT 1310.

L-imputazzjonijiet inhargu kontra l-imputat Ciro Napolitano fejn jinsab mixli li fit-30 ta' Settembru 2017 ghall-habta ta' 18:00 hrs, bhala persuna responsabbli ghall-istabiliment bl-isem ta' Storie e Sapori, li jinsab gewwa Misrah Pjazza Kastilja, il-Belt, Valletta u nhargu wara investigazzjoni li wettqu l-pulizija tal-Belt, Valletta fejn PC234 Ryan Muliett spjega li "*d-data kienet fit-tletin (3) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017) ghl habta tas-sitta (6.00) ta' filghaxija.*" L-istess surgent spjega li kienu marru jaghmlu l-ispezzjoni fuq ilmenti varji inkluz tal-Kunsill Lokali tal-Belt dwar imwejjed u siggijiet mahruga barra u wara verifi li saru mal-MTA irrizulta li kien hemm on going application izda ma kienx hemm permess. Al fol 13 et seq. Kienu esebiti emails li juru li ma kienx hemm permessi biex jinhargu imwejjed u siggijiet. A fol 21 kienet

esebita applikazzjoni ghand Malta Tourism Authority minn Alfred Camilleri mill-Madliena biex jinhareg permess ghal snack bar fuq Giuseppe Napolitano biex jopera bl-isem ta' Storie e Sapori f'Dar l-Emigrant, Castille Place C/W Triq Sant'Ursola, Valletta.

Is-Surgent WPS 217 Alison Formosa li kienet prezenti waqt l-ispezzjoni xehdet (a fol 36A) li *"hemmhekk konna ltqajna mas-Sur Ciro Napolitano u stqasejnieh jekk kellux xi licenzji. X'seta' jurina pero' dan baqa' ma wriena xejn".*

Illi skont l-Att tal-2001 dwar il-Licenzji tal-Kummerc li beda jsehh fit-2 ta' Mejju, 2002 , il-materja tal-licenzjar ta' attivitajiet kummercjali hija regolata mill-istess Att li fl- artikolu 13 jiddisponi li hadd ma jista' jiftah jew izomm xi post kummercjali kemm il-darba ma jkunx id-detentur dwar xi tali post ta' licenzja mill-awtorita' regolatorja. Dan jista' jkun mehtieg li jkollu l-kwalifiki li jistghu ikunu preskritti biex jiggestixxi dik l-attivita' mehtiega . L-artikolu 29 jippreskrivi l-pieni ghall-persuni li jiksru xi dispozizzjonijiet tal-Att . L-art. 30 jipprovdi ghall-proceduri specjali li tista' taghmel l-awtorita' regolatorja u l-art. 31 jaghti lil-Qrati s-sahha li jhassru jew jissospendu l-licenzja ta' dak li jkun.

Din il-materja hija wkoll regolata mir-Regolamenti ta' l- 2002 dwar il-Licenzja tal-Kummerc (A.L.102 tal-2002), promulgati in forza tal-istess Att u li dahlu in vigore fit-2 ta' Mejju, 2002. Dawn ir-Regolamenti joholqu s-"Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc", (Trade Licencing Unit) fid-Direttorat ghas-Servizzi tal-Kummerc tad-Divizjoni tal-Kummerc li hija responsabbli ghall-licenzjar dwar affarijiet tal- kummerc . Ir-Regolament

5 tal-istess Regolamenti jiddisponi li kull min ikun jikkwalifika biex jiggestixxi attijiet tal-kummerc u jitlob biex jiggestixxi attivita' kummercjali minn xi post kummercjali , ghandu jaghmel applikazzjoni ghaldaqshekk fuq il-formola preskritta . Din l-applikazzjoni tista' ssir f' isem ta' individwu jew f' isem ta' individwu li jidher ghal socjeta' jew kumpanija kummercjali. L-applikazzjoni ghandha ukoll issemmi l-individwu li jkun effettivament responsabbli ghat-tmexxija tal-post kummercjali meta t-tmexxija effettiva ghandha ssir minn individwu li ma jkunx id-detentur tal-licenzja. (Reg. 6). Ir- Regolament 14 umbaghad jiddisponi li l-licenzja tinhareg f' isem individwu personalment jew f' isem socjeta' jew kumpanija kummercjali.

Il-Licenzja tinhareg u tkun soggetta ghall-kondizzjonijiet li japplikaw kif inhuma mnizzla fit-tieni Skeda tal-istess Regolamenti (Reg. 14). Ir-Regolament 18 umbaghad jipprovdi ghall- procedura ta' trasferiment ta' licenzji u jghid li meta detentur tal-licenzja jitlob li jsir it-trasferiment tal-licenzja dwar post kummercjali lil xi persuna ohra, id-detentur u l-persuna l-ohra ghandhom jipprezentaw dikjarazzjoni fuq il-formola addatta iffirmata miz-zewg partijiet.

It-Tieni Skeda umbaghad telenka kondizzjonijiet generali li ghandhom japplikaw ghall- postijiet kummercjali kollha, fosthom li l-attivita' kummercjali m'ghandhiex tkun ta' sikkatura ghan-nies ta' madwar , u m'ghandhiex tkun titfa' rwejjah hziena, dhahen fwar, gassijiet jew inkellha johrog minnha rwejjah nocivi jew li jreghxu fl-atmosfera li jistghu jhassru jew jipperikolaw is-sahha jew jikkagunaw sikkatura bil-hoss taghhom (para. 02). Inoltre l-Iskeda tistipula li m'ghandu jsir ebda hoss bil-martellar jew bl-uzu tal-makkinarju jew mezzi ohra minn xi

post kummercjali li jkun jinsab f' area urbana bejn is-1 p.m. u l-4 p.m. ta' l-istess jum u s-7 p.m. u s-7 a.m. tal-gurnata tal-ghada. (Para. 09).

Illi skond l-artikolu 43 (1)(a) tal-Kap. 409, kull min, minghajr ma jkollu licenzja, imexxi xi attivita' turistika (li fid-"definition clause" , artikolu 2 tal-istess ligi , tinkludi "inter alia" stabiliment li jipprovdi l-ikel) jew jippermetti li xi attivita' turistika titmexxa minn jew fi proprjeta' li taghha jkun is-sid jew komproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attivita' li kieku kellu licenzja valida, jkun hati ta' reat u ghandu meta jinstab hati jehel multa .......

L- imputazzjoni mahruga kontra l-imputat takkuzah li "bi ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet" bhala detentur tal-licenzja u ghalhekk responsabbli mit-tmexxija tal-istabbiliment pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment minghajr permess tal- Awtorita' Kompetenti.

Ma giet prezentata ebda licenzja li fiha xi kundizzjoni li tippermetti t-tqeghid ta mwejjed u siggijiet. Ma giet prodotta ebda prova li l-imputat kiser xi tali kundizzjoni ta' xi licenzja tali. L-uniku dokument li gie esibit u li jista' jitqies bħala xi forma ta' licenzja huwa c- Certifikat ta' Registrazzjoni ta' Kazini (Fol. 11) li ma jikkontjeni ebda kundizzjoni dwar tqeghid ta' mwejjed u siggijiet. L-istess Certifikat jaghmel riferenza ghar- Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni ta' Kazini (N.G. 505/1939) izda wkoll dawk ir-regolamenti ma jaghmlu fihom ebda kundizzjonijiet dwar tqeghid ta' mwejjed u siggijiet.

Ir-regolament 16 tal-istess regolamenti jirrendu applikabbli ghall- "kazini" bhal dak minn fejn kien qieghed jopera l-imputat ir-

Regolamenti dwar ħwienet għall Bejgħ ta' l-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni u Diċenza Pubblika) (N.G. 392/1929) iżda dawn ir-regolamenti wkoll ma jipprovdu ghal ebda kundizzjoni dwar mwejjed u siggijiet. Fiċ-ċirkostanzi, ghalhekk, l-imputat ma jistax jinstab hati tal-imputazzjoni kif dedotta.

Il-Qorti tirrileva li r-regolament 15(1) tal-A.L. 128 tal-2002 japplika ghal kull "stabbiliment turistiku" u f'cirkostanzi idoneji ma jidhirx li jista' jigi eskluz li kazin jista' jikkwalifika bhala tali u jigi kolpit b'dak ir-regolament.

Illi l-Kapitolu 441 l-Att dwar il-licenzji tal-Kummerc nnifsu, jaghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi Attivita' Kummerċjali meta hemm stipulat li din **'tfisser <u>l-eserċizzju ta' xi attivita' kummerċjali jew ekonomika</u> inkluż il-bejgħ ta' oġġetti, u <u>l-għoti ta' servizzi</u> kif jista' jiġi preskritt, irrispettivament minn jekk dik l-attivita' kummerċjali tiġix eżerċitata minn postijiet kummerċjali jew xort' oħra iżda m'għandhiex tinkludi attivita' kummerċjali regolata taħt xi liġi oħra'.** (sottolinjar tal-Qorti)

**<u>Ghalhekk it-tieni imputazzjoni hi assorbita fl- ewwel imputazzjoni</u>**

**Ikkunsidrat:**

Issa fil-kaz in ezami , jirrizulta abbondantement mill-provi mismugha jirrizulta li bejn l-1 ta' Jannar 2017 u 31 ta' Diccembru 2017, Dar l-Emigrant kellha licenzja biex topera "*club*" u il-post fejn qed jezercita l-mestier u n-negozju tieghu l-imputat ma kellhomx licenzja ghal dan l-iskop tant li ntalab permess lill-MTA.

Illi skont ix-xhieda tal-addett tad-Dipartiment koncernat tal-Artijiet, u x-xhieda u dokumenti esebiti juru li il-licenzja tohrog fuq il-persuna w mhux fuq il-post u li mhux suppost li l-licenzja jhaddimha haddiehor. Apparti l-prassi dipartimentali , din il-Qorti tifhem li hekk ghandha tigi interpretata l-ligi kif fuq riprodotta w emfasizzata , ghaliex meta tinghata licenzja skond il-Kap.441 u r- Regolamenti fuq citati, din tinghata lill-persuna li tkun legalment responsabbli ghaliha w li tezercita s-sengha, l- arti, mestier jew professjoni skond il-ligi w skond il-kondizzjonijiet tal-licenzja w mhux lil xi fond inanimat li m'ghandux personalita' guridika fizika jew morali.

Il-Qorti rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs. Roger de Giorgio**" [5.7.1984] fejn intqal li l-fond li jkun licenzjat, ma hemmx ghalfejn li dan ikun licenzjat f' isem min attwalment ikun qed joperah. Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax jigi estrapolat principju generali minn dik is-sentenza. Dan ghaliex f' dak il-kaz si trattava ta' interpretazzjoni ta' ligi differenti minn dik li hija in vigore u applikabbli ghal dan il-kaz u cioe' l- Kap.441 fuq imsemmi w r-Regolamenti li jaqghu tahtu. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-kaz Degiorgio ma jagevolax lill-imputat odjern. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-licenzja mahruga fuq persuna li manifestament mhux il-persuna li qed tmexxi n-negozju in kwistjoni mhux biss ma tkoprix lill-imputat izda tikkostitwixxi sahansitra abbuz mis-sistemi tal-licenzji ta' pajjizna, li konsapevoli mill-fatt li Ciro Napolitano sa meta nhargu l-imputazzjonijiet ma kellu x' jaqsam xejn mall-fond de quo, hlief li saret applikazzjoni biex hu jibda' jopera l-post bl-isem ta' Storie e Sapori. U mbaghad mix-xhieda li nghatat f'dan il-process irrizulta li

sallum il-licenzja ghadha ma daritx fuq ismu ghax ghadhom ghaddejjin il-proceduri dipartimentali.

Ghalhekk l-imputat ex admissis hu konsapevoli mill-fatt li l-licenzja trid tghajjat lilu ghax kieku ma applikax biex idawwar il-licenzja fuqu u jibda jopera snack bar. Din pero′ ma ddurx b′ kapricc jew b′ mod "optional" ghal min jithajjar jaghmilha, imma ddur ghax hekk suppost skond il-ligi w sakemm iddur, dak li jkun, ikun qed jopera bla licenzja.

Ghalhekk fil-fehma ta′ din il-Qorti l-ewwel imputazzjoni bhala fatt hija ampjament pruvata w taqa′ taht id- dispozizzjoni tal-Kap. 441 u precizament l-artikolu 13 tal- istess Kapitolu.

Illi dwar ir-raba′ imputazzjoni ma hemmx dubju li kien l-imputat li pogga jew ippermetta li jitpoggew is-siggijiet barra l-istabbiliment, fid-data u l-hin imsemmija fl-imputazzjoni. **Hu kien stqarr max-xhud tal-prosekuzzjoni Surgent WPS 217 Alison Formosa u PC234 Ryan Muliett li dak in-nhar hu kien qed jiehu hsieb il-post u li ma provdilhom l-ebda licenza meta mitlub**. Ergo jsegwi li hu kien responsabbli ghall- istat ta' fatt illegali ta' tpoggija ta' siggijiet barra bla licenzja. L-imputat, li ma xehedx, bl-ebda mod ma kkontesta din il-"*presumption of fact*" u ghalhekk din il-Qorti, ghandha kull dritt li tinferixxi li kien hu li pogga jew ippermetta li jitpoggew siggijiet barra l-istabiliment li kien qed jiehu hsieb hu dak in-nhar. Ghalhekk t-tielet imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement pruvata.

Illi fir-rigward tal-hames imputazzjoni, l-ksur tal-licenzja jew ta' xi kondizzjoni taghha, jista' jigi attribwit lill-licencee u hadd aktar.

Il-fatt li l-imputat naqas milli jqieghed gewwa gwarnic u f'post fejn jidher sew fil-hanut kopja ta' kull licenzja jew permess moghtija lilu mill-awtorita` kompetenti huma msemmijin espressament f'ligi ohra, cioe` fir-regolamenti 22(1) u 27 ta' l-Avviz Legali 393/1929.

Irrizulta mix-xhud tal-prosekuzzjoni li l-*licencee* tal-istabbilimnt hu Joseph John Calleja, Segretarju ta' Migrants Socila Centre. Ghalhekk hu ftit stramb, biex ma jinghidx inspjegabbli, ghaliex il-prosekuzxzjoni ma akkuzatx lil-licencee, partikolarment meta l-imputat mhux registrat bhala operatur fuq id-data base tal-Awtorita' Maltija tat-Turizmu jew tal-pulizija.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti se tordna li din is-sentenza tinbtbaghat lill-Amministratur tal-Propjeta' tal-Arcidjocesi ta' Malta s-Sur Roberto Buontempo invista' li Dar l-Emigrant hi istituzzjoni li topera fid-djocesi ta' Malta u allura hemm kull interess li min jopera mill-fond tal-istess Dar l-Emigrant skont il-ligijiet ta' Malta u jaraw li ma jippermettu lil hadd li jabbuza mill-propjeta' taghhom.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat Art 43, 43(1)(a) tal-Kap 409, Art 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15, Artiklu 18 (1) tal-egislazzjoni Sussidjarja 409 u Artikli 10 (1) (2), 15 (1) (2), 23 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja. 409.08 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) u l-hames (5)

imputazzjoni u minnhom tilliberah u issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tieni (2) assorbita' fl-ewwel imputazzjoni u r-raba'(4) imputazzjoni u tikkundannah ghal **multa komplessiva ta' elf u mitejn ewro (€1,200).**

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**